# Ir-Restawr tal-Vara Titulari ta' San Pietru

Conrad Damato





Il-frażi "San Pietru għandu bżonn ir-restawr" hi frażi li ilna nisimgħuha għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Saru w inkitbu diversi appelli kemm fuq artikli kif ukoll fuq is-siti soċjali. Issa fl-aħħar dan ir-restawr se jsir u x-xewqa tal-parruċċani tista` tkun maqtgħuha!

Il-vara titulari ġiet skolpita fl-injam fl-1958 mill-iskultur Ferdinand Stufflesser, filwaqt li fis-sena ta' wara inħadem il-pedestall tagħha li flimkien waslu f'Birżebbuġa nhar it-Tlieta 28 ta' Lulju tal-1959. Mad-dħul tagħha għall-ewwel darba fil-knisja parrokkjali, kulħadd seta` jammira l-isbuħija artistika li mingħajr dubju ta' xejn irriflettit il-kapaċita` artistika li biha l-iskultur ippreżenta l-qaddis f'qagħda imponenti u tabilħaq barokka. Meta ġiet din il-vara ma kienetx indurata, għalhekk il-parruċċani ta' dak iż-żmien kienu ta' spiss jitolbu lill-kappillan Dun Ġużepp Minuti (li fi żmienu saret) sabiex il-vara tiġi ndurata. Il-kappillan Minuti dejjem kien tal-fehma li din il-vara hi sabiħa kif ħarġet minn taħt idejn l-artist li ħadimha, pero` seta' qatt il-kappillan iċaħħad lill-parruċċani minn xewqa bħal din?

Għalhekk kien intlaħaq ftehim bejn il-kappillan Minuti u n-nies li kienu midħla tal-knisja, li l-vara tiġi ndurata bil-patt li l-kannaġjon jibqa` kif ħallih l-artist. B'hekk kulħadd kien kuntent u minnufih beda l-ġbir b'risq din l-induratura li saret fl-1974 mill-induratur Pawlu Xuereb tal-Belt Valletta. Qabel pero`, il-vara ittieħdet għand l-iskultur Ċensu Apap fil-bottega tiegħu Tas-Sliema fejn dan b'kapaċita` kbira kien skolpa l-parti ta' wara tal-mantell sabiex ħareġ il-mantell tant sabiħ li għalih hi magħrufa din il-vara.

Madwar għoxrin sena ilu bdew jidhru fuq il-vara sinjali ta' tbajja, filwaqt li l-pedestall beda juri sinjali li ż-żmien kien qed jagħmel fuqu. Għal dan il-għan kienu saru diversi appelli sabiex il-vara tiġi rrestawrata kif kien xieraq. Tul il-parrokkat tal-kappillan Dun Nikola Pace kienu saru xi tentattivi sabiex isir dan ir-restawr. Iż-żmien għadda u fl-2013 wasal il-kappillan preżenti l-Kan. Anton Galea Scannura fejn dan wera x-xewqa li San Pietru, b'mod partikulari l-pedestall jiġi rrestawrat mill-kundizzjoni li jinsab fiha. Għal dan il-għan saret ir-riċerka meħtieġa u nġiebu erba` stimi. Wara li l-proġett kien approvat mill-kleru tal-parroċċa, fl-Mejju tas-sena l-oħra sar rikors li gie milqgħuh f'Novembru.





L-għażla għax-xogħol waqgħet fuq l-induratur John Orlando ta' Ħal Tarxien. Dan il-proġett kien ġie mħabbar uffiċjalment mill-Kappillan nhar it-Tnejn 23 ta' Frar li għadda waqt il-quddiesa kantata fl-okkażżjoni tal-festa tal-Katedra ta' San Pietru. Dakinhar saret l-ewwel ġabra filwaqt li ġie mħabbar li kienet se titwaqqaf skema ta' arbular fejn inkitbu l-ewwel kontributuri. Fi stadju bħal dan hemm ħafna mistoqsijiet li wieħed jista` jagħmel, pero` l-iktar tnejn komuni huma dawn li ġejjin:

*X'ha jkun jinvolvi x-xogħol?*
Minħabba li l-ħsara fuq il-pedestall hi waħda estensiva għall-aħħar, ix-xogħol jirrikjedi l-indurtatura li għandu bħalissa l-pedestall tiġi mneħħija kollha u l-pedestall jerġa jinġieb fuq l-injam. Wara li jiġi trattat l-injam, l-induratur jibda l-proċess tiegħu sabiex il-pedestall jiġi ndurat kollu mill-ġdid. Barra minnhekk se jinħadem bażi sabiex it-toqol tal-vara ma jkunx iktar fuq il-pedestall u għalhekk il-ħsara strutturali li fih issa ma terġax tirrepeti ruħha.

*X'se jiġri minn wara l-festa?*
Wara l-festa ta' din is-sena San Pietru se jiġi żarmat minn fuq il-pedestall sabiex dan jittieħed għand l-induratur ħalli jibda x-xogħol fuqu. Dan ix-xogħol se jkun lest għall-festa tal-2016 u ser jieħu madwar sena sabiex jiġi konluż. Meta x-xogħol ikun lest il-pedestall se jerġa jiġi armat taħt il-vara kif inhu sabiex jiġi mżanżan għall-festa tal-2016.



Il-ħsieb hu li x-xogħol fuq il-pedestall jiġi kumplimantat billi l-vara tiġi restawrata kif ukoll jiġi aċċertat li n-niċċa li fiha tinżamm matul is-sena tinsab fi stat tajjeb. Ix-xogħol tal-induratura fuq il-pedestall biss hu stmat li se jiswa 15,000 euro. Sa kemm qed jinkiteb dan l-artiklu (19 ta' Ġunju) inġabru 3,500 euro. Saru diversi attivitajiet fostom il-ftuħ tal-kampnar nhar l-1 ta' Mejju, attivita` li ġiet imtegħlla mill-Għaqda Storja u Kultura, kif ukoll *pasta night* li saret bil-għajnuna ta' diversi voluntiera. Barra minnhekk irridu nsemmu ukoll li l-qliegħ li kien sar minn wirja organizata fl-okkażżjoni taċ-ċentinarju mit-twaqqif tal-parroċċa mar ukoll għal dan il-għan. Ġiet ukoll imwaqqfa skema ta' arbular ta' 5 jew 10 euros fix-xahar fejn ikollna ngħidu li l-parteċipazzjoni fiha għadha ftit fqira. Għalhekk ngħamlu appell sabiex min irid jissieħeb fl-iskema tal-arbular jew jagħti xi donazzjoni jista` jkellem dirett lill-kappillan Dun Anton Galea Scannura jew lil viċi-kappillan Dun Roderick Camilleri. Barra minnhekk jistgħu ukoll jiġu avviċinati is-sinjuri Conrad D'Amato, Jurgen Camilleri u Johan Briffa. Tingħata rċevuta għal kull donazjoni li tingħata. Il-parroċċa tavża (b'mod partikolari lill-anzjani) li mhux ħa jsir ġbir





mid-djar għal dan il-għan. Navżaw ukoll li ġiet imwaqqfa paġna fuq is-sit eletroniku *facebook* bl-isem *"Birżebbuġa Tirrestawra l-Vara Titulari"* bħala mezz uffiċjali ta' komunikazzjoni mal-parruċċani dwar dan il-proġett. Nifmhu li jista`jkun hawn min għandu mistoqsijiet oħra, għalhekk min jixtieq jista` javiċina lin-nies inkarigati u jingħata t-tagħrif meħtieġ. It-tama tagħna hi li sa qabel il-festa tal-2016 inkunu ġbarna s-somma meħtieġa għall-pedestall sabiex b'hekk inkunu nistgħu nibdew t-tieni parti tal-proġett – ir-restawr tal-vara tant għall-qalb il-poplu ta' Birżebbuġa.

Il-ħolma u x-xewqa ta' ħafna fl-aħħar ser issir realta`. Għalhekk nistiednu sabiex kull min għandu għal qalbu l-festa u l-parroċċa jagħti l-kontribuzzjoni tiegħu. Bil-ftit mingħand kulħadd proġett bħal dan li bħalu ilna is-snin ma naraw f'raħalna, jkun possibli. Min hawn nirringrazzjaw lil dawk kollha li diġa` taw d-donazjoni tagħhom. Fil-festa ta' din is-sena se jsir sforz sabiex din is-somma tinġabar, fejn fost l-oħrajn ser issir ġabra fuq iz-zunitier tal-knisja waqt il-ħruġ tal-vara min-niċċa. Missirijietna għamlu sforzi kbar sabiex xtraw din il-vara li huma kienu l-inqas nies li gawdewha. Aħna ninsabu fid-dmir li din il-vara li writna mingħand ta' qabilna nieħdu ħsieba sabiex nagħdduha lil ta' warajna jekk jista` jkun f'kundizzjoni aħjar milli sibniha. B'hekk niżguraw li din il-vara tibqa` titgawda mill-ġenerazjonijiet li għad iridu jitwieldu, b'tifkira tal-parruċċani kollha li tul iż-żmien taw sehemhom fiha. Għalhekk kun parti mill-istorja li qed tikiteb u għati s-sehem tiegħek. Sakemm ma tibqagħx anonimu, ismek se jibqa` mniżżel fir-rendikonti li qed jinżammu għal finijiet ta' storja. Aħna qed nafdaw fil-qalb ġeneruża tal-parruċċani tagħna, għalhekk grazzi mill-qalb.





